MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 319/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-24 ta’ Mejju 1997 minn liema zwieg ma tweldux tfal;

Illi l-partijiet finalment isseparaw b’kuntratt ta’ separazzjoni tad-9 ta’ Frar 1999 skond l-anness kuntratt Dok A;

Illi ma hemm l-ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati mill-1999 illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-manteniment hu regolat skond il-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minn xulxin;

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament u irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom isseparati b'kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Frar 1999;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin u li miz-zwieg taghhom ma kienux twieldu tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------